**Nru. 748**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (S.L. 549.46), u minħabba li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Studju Dwar l-Impatt Ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: TRK 168705 (EA 00024/16)
Lokalità: Mollijiet Numru 4 u 5, Triq Pinto, Il-Furjana
Proposta: Estensjoni tal-Mollijiet Pinto 4 u 5 inkluż inserzjoni ta' żewġ *bollards* u żewġ arbli tad-dawl ġodda.

Dawn l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fit-3 ta' Marzu, 2016 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-15 ta' Ġunju, 2016.

**No. 748**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY (ERA)**

**Notification of Exemption from Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder and in view of the fact that the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS) would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the Project Description Statement (PDS) and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK 168705 (EA 00024/16)
Location: Quays 4 and 5, Triq Pinto, Floriana
Proposal:Extension of Pinto Quays 4 and 5 including insertion of two new bollards and two new lighting masts.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to the Environment and Resources Authority on the 3rd March, 2016 and the justification for the exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 15th June, 2016.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett waqt il-bini mhux mistenni li jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. |
| *Waste generation* | *The amount of solid waste likely to be generated by the project during construction is not likely to be significant, considering the nature of the project.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | In-natura u d-daqs tal-proġett propost mhux mistenni li jikkontribwixxi għal impatti sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja, u dan meta tiġi kkunsidrata n-natura tat-traffiku fiż-żona u attività oħra relatata mal-użu eżistenti tas-sit. Impatti jistgħu jiġu mnaqqsa permezz tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007). |

| | |
|---|---|
| *Impact on air quality* | *The nature and size of the proposed project in relation to the existing related activity on site and the traffic patterns of the wider landward area, are not likely to contribute to significant impacts on the air quality of the area. Any impacts can be sufficiently mitigated through the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007).* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | Il-proġett mhux mistenni li joħloq impatt ta' storbju u vibrazzjoni sinifikanti, u dan meta tiġi kkunsidrata n-natura tal-użi preżenti ta' fuq l-art kif ukoll użi marbuta mal-baħar fiż-żona tal-madwar li hija kkaratterizzata minn irmiġġ ta' bastimenti kbar u żona urbana. |
| *Noise and vibrations* | *The project is not expected to give rise to significant noise and vibration impacts, and this in the understanding of the current nature of land-based and sea-based uses of the surrounding area, characterised by berthing of large vessels and a densely urbanised area.* |
| Tniġġis tal-ilma tal-kosta | Il-proġett jista' jinvolvi r-riskju ta' tixrid aċċidentali fil-baħar (żejt, *fuel* jew kimiċi minn impjanti fuq il-post). Twaqqigħ, kostruzzjoni u makkinarju tat-tħammil u xogħlijiet oħra jistgħu wkoll jaffettwaw il-kwalità tal-ilma taż-żona billi tiżdied it-turbidità u sospensjoni tas-sedimenti. Għalhekk, disinn xieraq u miżuri waqt il-kostruzzjoni (eż. *Construction Management Plan*) għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm l-ebda materjal mniġġeż jew *sediment-laden* fl-ilma baħar. |
| *Coastal water Pollution* | *The project may involve risks of accidental spillages into the sea (oil, fuel or chemical spillages from plant equipment). Demolition, construction, dredging equipment and works may affect the water quality of the area by increasing the turbidity and sediment suspension. Therefore, appropriate design and construction measures (e.g. Construction Management Plan) should ensure that there are no polluted or sediment-laden runoff into the coastal water.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Il-15 ta' Lulju, 2016

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

15th July, 2016

**Nru. 749**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 749**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 15.7.2016 | €39.269 | €0.621 |

Il-15 ta' Lulju, 2016

15th July, 2016